**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**<u>Seduta ta' nhar il-Gimgha 18 ta' Frar 2022</u>**

**<u>Rikors nru: 56 /2022 AGV:</u>**

**FM**

**Vs**

**RM**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-rikors għal Divorzju ta' FM , datat 28 ta' Jannar 2022, fejn espona** umilment u bil-ġurament tieghu kkonferma:

1. Illi r-rikorrenti u mart l-intimat iżżewġu f'Malta, nhar il-7 ta' Awissu 2010 (Dok. FM1) u kienu jgħixu Malta flimkien;
2. Illi minn tali żwieġ huma kellhom tlett it-tfal, SPM li twieled fl-4 ta' Jannar 2011; FRM li twieldet fl-24 ta' Jannar 2014 u CM li twieled fi 22 ta' Novenbru 2018.
3. Illi r-relazzjoni ta'bejn il-partijiet spiċċat u l-partijiet ilhom jgħixu seperatament sa mis-sena 2020, u l-partijiet issepawaraw bonarjament permezz tal-kuntratt datat 9 ta' Novembru 2020 (Dok.FM2); Jinghad li qatt ma kien hemm rikonċiljazzjoni u ma hemm l-ebda possibilita ta' rikonċiljazzjoni futura bejniethom; Di piu llum l-esponent jinsab f'relazzjoni ohra.
4. Illi l-partijiet irrinunzjaw reċiprokament għal kull dritt għal manteniment, filwaqt illi l-manteniment tat-tfal illum huwa pagabbli skond il-kuntratt.
5. Illi għaldaqstant l-esponenti jiddikjara li jissussistu r-rekwiżiti kollha fil-liġi għal divorzju;

Għaldaqstant l-esponenti jitlob umilment sabiex dina l-Onorabbli Qorti:

i. Tiddijkara l-ħall ta' l-imsemmi żwieġ (Ċertifikat 1400/2010) bejn il-partijiet permezz ta'divorzju;

ii. Tordna li jiġi nnotifikat b'dan id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku skond il-liġi sabiex jirreġistra tali divorzju skond il-liġi.

Il-Qorti rat ir-risposta tal-intimata RM detentrici tal-karta tal-identita u residenti Santa Marija Apartments, Maisonette no.2, Triq Adilede Cini, Hamrun, datata 17 ta' Frar 2022 fejn tecepixxi bir-rispett u bil-ġurament tagħha tikkonferma:

1. Illi l-intimata taqbel mat-talba tar-rikorrenti u li l-istess rikorrent ikkonferma fir-rikors tieghu, u cioe` li dina l-Onorabbli Qorti tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u dana ai termini ta' artikolu 66 C tal-Kap 16, Ligijiet ta' Malta;
2. Illi l-intimata tikkonferma li huma żżewġu f'Malta nhar 7 ta' Awissu 2010 u kienu jgħixu Malta flimkien; u li minn dan iz- żwieġ huma kellhom tlett it-tfal (SPM D.O.B 04/01/2011; FRM D.O.B. 24/01/2014 u CM 22/11/2018)
3. Illi hija tikkonferma li r-relazzjoni ta' bejn il partijiet kienet ilha li spiċċat u li l-partijiet ilhom jgħixu seperatament sa mis-sena 2020;
4. Illi l-partijiet issepawaraw bonarjament permezz tal-kuntratt datat 9 ta' Novembru 2020 u qatt ma kien hemm rikonċiljazzjoni u ma hemm l-ebda possibilita ta' rikonċiljazzjoni futura bejniethom stante li l-rikorrent kien u ghadu f'relazzjoni ohra.
5. Illi l-partijiet irrinunzjaq reċiprokament għal kull dritt għal manteniment lejn xulxin, filwaqt illi l-manteniment tat-tfal illum qed jithallas regolarment u l-partijiet jitkellmu biss bejniethom rigward l-bzonnijiet tal-minuri.;
6. Illi l-esponenti tiddikjara li jissussistu r-rekwiżiti kollha fil-liġi għal pronunzja ta'divorzju bejn il-partijiet, u li hija tixtieq tirriverti għal kunjom xbubitha '**C**';
7. Illi l-unika eccezzjoni li l-intimata ghandu x'tissoleva hija illi hija m'ghandhux tbati l-ispejjez ta' dawn l-odjerni proceduri;

8. Illi l-intimata qeghda tipprezenta l-affidavit taghha u li jinsab ezebit ma' din ir-risposta u mmarkat bhala Dok 'RM1';
9. Illi, ghar-ragunijet suesposti l-initmata qeghda tirrimetti ruhha ghas-savju gudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.
Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.
Tawtorizza lill-intimata tirreverti ghal kunjomha xebba, 'C' .

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**